Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2009

Rikors Numru. 24/2002

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Grace Camilleri, Joseph Chetcuti, Pio Chetcuti u Giuseppe Chetcuti**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 6 ta' Gunju, 2000 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fl-Imgarr tal-kejl ta' cirka 442 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana u mill-Lvant ma' toroq pubblici, u mill-Punent ma' proprjeta' ta' James Muscat jer irjieh verjuri, liema art hija meqjusa bhala art fabbrikabbli fit-Termini tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-

Artijiet huwa ta' tlieta u hamsin elf lira Maltija (Lm53,000) kif jidher mir-rapport tal-perit Carmen V. Sutton A&CE tat-22 ta' Frar 2002 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi ittra ufficjali tas-26 t' April 2002 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' mitejn elf lira Maltija (Lm 200,000).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra wkoll ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

Illi l-intimati ma jsibu l-ebda oggezzjoni li jitrasferixxu l-art in kwistjoni favur il-Gvern ta' Malta in vizta li din gia' tinsab milquta b'ordni ta' espropriazzjoni bil-patt u kundizzjoni pero li l-kumpens ossia korrispettiv relattiv li ghandu jithallas tassew jirrifletti l-valur gust u ekwu tas-suq miftuh tenut kont li si tratta ta' proprjeta' ta' natura fabbrikabbli u tad-daqs li hi.

Illi ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni wkoll ir-ragunijiet gia moghtija fl-ittra ufficjali datata 19 ta' Gunju 2002, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa mmarkata DOK GC 1.

Illi prevja li jigi stabillit il-valur gust u rejali ghat-trasferiment tal-imsemmija porzjoni ta' art, minn issa qedd jirriservaw faur taghhom id-dritt li l-kumpens relattiv ghandu jithallas permezz ta' tpartit b'art ohra minflok bi flus kontanti.

B'riserva li jigu pprezentati risposti ulterjuri jekk jkun il-kaz.\

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti minn issa debitament ingunti in subizzjoni.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi f'dan ir-rikors istitwit mill-Kummissarju tal-Art sabiex ikun iffissat il-prezz gust tal-art fuq imsemmija wara li kienet rifjutata l-offerta tal-istess rikorrent ghaliex tenuta baxxa mill-intimat, xehed il-perit arkitett *ex parte* prodott mill-intimat li qal li din l-art fabrikabbli hija zviluppabbli u ghandha valur ta' Lm205,000.

Wiehed mir-rikorrenti, Piju Chetcuti, xehed illi l-art kienet intenzjonata ghall-izvvlupp u esebixxa permess tal-bini mahrug mill-PAPB datat 30 ta' Novembru 1992 fejn kien mahsub zvilupp konsistenti f'maisonettes u washrooms fi Triq Cali, Mgarr. Applikazzjoni maghmula lis-successur tal-PAPB u cioe' l-MEPA ghal-bini ta' hames garages u zewgt idjar juri (fol 45) li dan kien rifjutat ghaliex jaqa' fil-konfini ta' skola. Minn notamenti ta' parti mill-files tal-MEPA jirrizulta illi fl-1994 kien suggerit li l-Ministeru jesproprija din l-art biex issir estensjoni tal-iskola.

Illi f'din il-materja, l-Bord kien assistit mill-membri teknici tieghu, l-AIC David Pave u l-AIC Joseph Briffa, li wara li hadu konjizzjoni tad- dokumenti kollha esebiti, waslu ghall-konkluzzjoni unanima u kkonkludew l-inkarigu taghhom bil-mod segwenti:

Huma ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta), u bh ala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprjeta' ghandha tigi meqjusta bhala art fabrikabbli ghal-finijiet tal-Ligi, u li l-valur tal-istess proprjeta' bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esibiti, ghandu jigi

iffissat fl-ammont ta' mitejn u erbgha u sebghin elf, tmien mija u sitta u tmenin euro (Euro 274,866) jew mija u tmintax-il elf liri maltin (LM118,000)

Il-Bord ghalhekk jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimati jitrasferixxu lir-rikorrenti b'xiri assolut l-bicca art fl-Imgarr tal-kejl ta' cirka 442 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana u mill-Lvant ma' toroq pubblici, u mill-Punent ma' proprjeta' ta' James Muscat jew irjieh verjuri, liema art hija fabrikabbli, u dan versu l-prezz ta' mitejn u erbgha u sebghin elf, tmin mija u sitta u tmenin euro (Euro 274,866) oltre l-imghax legali dovut lir-rikorrenti. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel/taghmel minfloku biex jippubblika l-att fil-10 ta' Marzu, 2010 fis-1.30 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Michael Camilleri LL.D., biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandua jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.+

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differrenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------